# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju, 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 2720/97 M1 NA**

**Pauline Degiorgio**

**vs**

**Anthony Degiorgio**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-27 ta' Novembru 1997 fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta' Dicembru 1989 (Dokument "A");

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabbilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat ingurji, abbandun u theddid da parti tal-konvenut;

Illi miz-zwieg twieled tifel, ossia Redeemer li ghadu minuri;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond Digriet tas-Sekond'Awla tat-30 ta' Ottubru 1997, kopja ta' liema tinsab esebita bhala Dokument "C" biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali;

TALBET li din il-Qorti:-

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

2. takkorda l-kura w il-kustodja tat-tifel minuri fuq imsemmi;

3. tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tifel minuri taghha;

4. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lil-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' Perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' Nutar biex jircievi l-att

opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti esebiti.

Il-konvenut, debitament notifikat, ma ghamilx l-eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi u waqa' kontumaci. Huwa pero' deher ghas-seduta tal-11 ta' Marzu 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Deborah Huber biex tigbor il-provi.

Jidher mid-diversi verbali illi d-diversi seduti quddiem l-Assistenta Gudizzjarja gew diversi drabi sospizi peress illi l-partijiet kienu sejrin jaslu ghall-ftehim bonarju. Effettivament b'rikors tad-9 ta' Mejju 2000 l-attrici nfurmat lill-Qorti li l-partijiet kienu waslu ghall-ftehim bonarju quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2000 u talbet biex tinghata sentenza a bazi ta' dan il-ftehim.

B'rikors, invece, tat-13 ta' Ottubru 2000 l-attrici talbet lill-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza stante illi, ghar-ragunijiet hemm moghtija, ma kenitx aktar disposta tonera l-ftehim fir-rigward tat-tifel minuri.

Effettivament fir-rigward ta' din il-materja l-Qorti semghet lill-partijiet fis-seduti tat-22 ta' Dicembru 2000 u dik tat-2 ta' Frar 2001 fejn xehdet Katja Vella, Social Worker fi hdan l-SWDP fit-Taqsima ghall-Harsien tat-Tfal. F'din l-istess seduta l-Qorti tat digriet fir-rigward tal-kura u kustodja tal-minuri li, bi qbil ma' l-istess partijiet, sejjer jigi riportat f'din is-sentenza. Ghall-kumplament il-Qorti sejra timxi fuq il-ftehim raggunt bejn il-partijiet fis-seduta fuq imsemmija quddiem l-Assistenta Gudizzjarja.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

2. takkorda l-kura u kustodja tat-tifel minuri Redeemer f'idejn in-nanna materna Marianne Farrugia b'access favur il-missier mill-Gimgha fis-7.00 p.m. sal-Hadd fis-

7.00 p.m. u favur l-omm kuljum hlief ghal dawn il-granet mill-hin meta l-minuri tispicca mill-iskola sas-6.00 p.m.;

3. tiddikjara illi l-partijiet ddekadew reciprokament mid-dritt ghall-manteniment u dana apparti milli, fil-prezent, il-konvenut ma jahdimx. L-ispejjes kollha in konnessjoni mal-bzonnijiet tal-minuri ghandhom invece jithallsu nofs bin-nofs mill-partijiet;

4. tiddeciedi r-raba' talba billi tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess billi tiddikjara illi l-unika assi ta' l-istess komunjoni hija l-kirja tad-dar konjugali 46, Triq San Frangisk, l-Isla li, bi ftehim ma' l-attrici, qed tigi assenjata fl-intier taghha lill-konvenut.

L-ispejjes tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.